**Għamiltek alla tiegħi**

Rajtek fil-mera għall-ewwel darba
Iġġennint għax ħsibt li lħaqt is-sema,
Dlonk bdejt noħlom x'se nagħmel bik issa
Intbaħt li se nġennen fejn tinstema.

Kemm int sabiħ u x'riżorsa għalija
Nista' ngħix minn fuqek u ma naħdimx,
Għandi l'min jgħini ħa nkompli nsebbħek
Għax mhux problema l-flus x'ma nitgħażżinx.

Imma dan kollu hu b'kundizzjoni
Li lilek nibdlek meta w kif irrid,
L-aqwa li tkun toġgħob lill-klijenti
Wara kollox f'dak il-waqt huma s-sid.

Ħallieha li jien ninsab f'elf biċċa
Mitlufa u niġri tant mifluġa,
Min iridni l'hawn u 'l hemm f'xewqatu
X'jimpurtahom li jien ukoll muġugħa.

U jien, għalkemm kbirt kemm iddallam
Li nħossu miġbud minn ħbula siekta,
Li joħduni fejn iridu huma
U jien, kollni arja, nibqa' kwieta.

U nibqa' niffitta u ninkwieta
Għax irrid dan ġismi li jaqdini,
Għal kull operazzjoni malajr dħalt
Basta ħadd w ħadd minn dawk ma jħallini.

Imma issa qed ngħejja f'dil-ħajja vojta
Hekk giddieba u ma twassal imkien,
Il-mewt qed naraha tfaqqa' madwari
Jiena qiegħda nikber, ġej fuqi ż-żmien.

Itolbu għalija għax inħossni
Maħkuma minn dwejjaq jiġru miegħi,
Laqqgħuni ftit ma' Kristu li tħobbu
Hu mhux ġismi rridu b'Alla tiegħi.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.